MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 136/2010

**A sive B C D**

**-vs-**

**Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-13 ta' Mejju 2010 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A sive B C D fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet kienu zzewgu biz-zwieg civili fis-6 ta' Ottubru 1998 (Dok. A).

Illi minn dan iz-zwieg twieldu sitt itfal li jisimhom F, G H, M I, J, K, L li ghadhom ilkoll minuri (Dok. A sa Dok. F).

Illi l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali inkluz il-familja, liema haga ilha tippersisti ghal perjodu ta' zmien u wiehed jista' jzid ukoll li telaq minn Malta u l-esponenta ilha ma tisma' b'ahbaru tul dan iz-zmien kollu.

Illi l-esponenta ma tafx x'inhi r-raguni ta' dan l-agir biex b'hekk sal-lum ghadha insaputa ta' x'kien il-mottiv ta' dan l-agir u li mhux biss ma tafx fejn hu qieghed u x'qed jaghmel imma wkoll halla fil-bzonn il-familja tieghu. Illi bhala konsegwenza, iz-zwieg tkisser irrimidjabilment b'mod li l-hajja konjugali ma ghadhiex aktar possibbli.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz tad-digriet moghti nhar il-21 ta' April 2010, Dok. G;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Tillikwida l-istess kommunjoni tal-akkwisti billi l-ftit assi li jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu allokati lill-esponenta kif ukoll dina l-Onorabbli Qorti takkorda li l-intimat jitlef kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-hidma tar-rikorrenta.

Tapplika kontra l-intimat l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal kollha tkun fdata unikament u esklussivament lill-esponenta ad eskluzjoni tal-intimat.

Tordna illi l-access ghat-tfal minuri mill-intimat, meta u jekk jerga' jzur Malta, jibqa' jsir taht supervizjoni minn social worker tal-Agenzija Appogg.

Tordna li l-fond li hu utilizzat bhala d-dar matrimonjali ghandu jigi allokat unikament lill-esponenta ad eskluzzjoni tal-intimat, sija jekk ikun mixtri fiz-zwieg jew taht titolu iehor. Illi, fi kwalunkwe kaz l-intimat jigi ordnat jizgombra definittivament l-imsemmi fond. Illi di piu', id-dejn li hemm gravanti tal-kommunjoni tal-akkwisti jkun responsabilita' unika tal-intimat ad eskluzzjoni tal-esponenta.

Tordna li l-intimat, f'kaz li jersaq lejn Malta jhallas manteniment, sija ghall-esponenta kif ukoll ghall-minuri li jinkludi ukoll mill-inqas nofs l-ispejjez tal-iskola u tas-sahha tal-minuri sakemm il-minuri jaghlqu tmintax-il sena li ghandha tigi maqtugha anke, ghal kull buon fini minn sehem l-intimat wara li jigi determinat sehemu mill-kommunjoni tal-akkwisti u fin-nuqqas mid-dhul li jkun qed jaghmel meta jkun qieghed Malta.

Tawtorizza jekk ikun il-kaz li r-rikorrenta tipproduci persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali sabiex jigu ezenti mill-imsemmi obbligazzjoni sabiex ikunu jistghu jixhdu fil-kawza odjerna u dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati fejn dawn eccepew:

Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentat. F'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-assenti sabiex jkunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Il-Qorti tqis li l-attrici ressqet provi bizzejjed biex turi li l-htija tal-firda kienu l-eccessi da parti ta' zewgha, missier uliedha li huwa wkoll hati ta' abbandun fil-konfront taghha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba;

Tilqa' t-tieni talba;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba;

Tilqa' r-raba' talba;

Tilqa' l-hames talba;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba;

Tilqa' s-seba' talba fis-sens illi d-dejn maghmul mill-konvenut ghandu jithallas minnu stess;

Tilqa' t-tmien talba; u

Tordna lill-konvenut jghaddi lil martu (ghaliha), is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull erba' gimghat u s-somma ta' tmenin Ewro (€80) ghal kull wild kull erba' gimghat, sakemm dawn jaghlqu tmintax-il sena.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------